



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.5.2014  
COM(2014) 292 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Il-ħames rapport biennali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen  
1 ta' Novembru 2013 - 30 ta' April 2014**

## 1. INTRODUZZJONI

Kif imħabbar mill-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2011 fil-Komunikazzjoni tagħha dwar it-tishiĥ tal-governanza ta' Schengen<sup>1</sup> u bl-appoġġ tal-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni tippreżenta rapporti biennali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament taż-żona Schengen. Dan il-ħames rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Novembru 2013 sat-30 ta' April 2014.

## 2. IL-QAGĦDA

### 2.1. Il-qagħda mal-fruntieri esterni ta' Schengen

Minn Novembru 2013 sa Frar 2014 (dawn ix-xhur kellhom id-dejta disponibbli meta nkiteb dan ir-rapport), l-għadd ta' detezzjonijiet ta' qsim irregolari tal-fruntieri naqas meta mqabbel mal-erba' xhur qabel il-perjodu ta' rappurtar (Lulju-Ottubru 2013). Dan jista' jitqies normali minħabba l-fluttwazzjonijiet staġonali tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari. Madankollu, meta mqabbel ma' Novembru 2012-Frar 2013, l-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntieri li ġie skopert żdied b'96 %, sa massimu ta' 25 936 detezzjoni<sup>2</sup>. L-Italja, il-Greċja, l-Ungerija, Spanja u l-Bulgarija kellhom l-ogħla għadd ta' arresti f'Novembru 2013-Frar 2014. B'kollox, l-għadd ta' detezzjonijiet ta' qsim irregolari tal-fruntieri fl-2013 kien ta' 107 365, jiġifieri 48 % ogħla milli fl-2012. Għaldaqstant, l-għadd ta' detezzjonijiet u konsegwentement il-perssioni mal-fruntiera baqgħu għoljin u jistgħu jkomplu jiżdiedu, billi fix-xhur tradizzjonalment kalmi ta' dan il-perjodu ta' rappurtar kien hemm l-ogħla għadd ta' migranti irregolari li qatt kien hemm għal dan iż-żmien tas-sena. It-total għall-2013 huwa paragonabbli mal-livelli tal-2009-2010, iżda xorta huwa naqas milli kien irrappurtat matul ir-Rebbiegħa Għarbija fl-2011. In-nazzjonalitajiet ewlenin tal-persuni li ġew skoperti (għas-sena 2013 kollha kemm hi) kienu Sirjani, Eritrej, Afgani u Albaniżi.

Il-Mediterran Ċentrali kien ir-rotta ewlenija użata matul l-2013, u kellha żieda ta' kważi erba' darbiet aktar (għal aktar minn 40 000 detezzjoni) meta mqabbla mal-2012<sup>3</sup>. Għall-ewwel erba' xhur tal-perjodu tar-rapportar li għalihom hemm l-istatistika disponibbli (Novembru 2013-Frar 2014), iż-żieda kienet erba' darbiet aktar meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel (9 175 detezzjoni minflok 2 177). Filwaqt li Novembru 2013 kellu għadd iżgħar ta' detezzjonijiet mill-2012, Diċembru 2013 qabeż l-istess xahar tal-2012 b'ħames darbiet aktar filwaqt li l-għadd għal Jannar u Frar 2014 kienu rispettivament 58 u 61 darba aktar mill-istess xhur sena qabel<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> COM(2011) 561 finali

<sup>2</sup> Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, id-dejta fit-Taqsima 2 hija meħuda mis-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tan-Netwerk ta' Analiżi tar-Riskju tal-Frontex, u tkopri ż-żona Schengen kif ukoll il-pajjiżi kandidati ta' Schengen. Id-dejta tkopri biss iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jinqabdu mal-fruntieri esterni (ħlief il-fruntieri esterni temporanji) huma u deħlin jew jippruvaw jidħlu b'mod illegali bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera. Iċ-ċifri għall-Kroazja huma inklużi mid-data tal-adeżjoni mal-UE.

<sup>3</sup> Kun af li iċ-ċifri għal din ir-rotta hawn u aktar 'l isfel jeskludu l-Apulia u l-Calabria.

<sup>4</sup> Iċ-ċifri ta' detezzjoni ogħla jistgħu jkunu parzjalment attribwiti lill-operazzjoni *Mare Nostrum* tal-Qawwa Navali Taljana li tnediet f'Ottubru 2013.

Bħala President tat-Task Force tal-Mediterran, fl-4 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha<sup>5</sup> li fiha ppreżentat linji ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħrajn tal-UE. Dan jinkludi wkoll passi għat-tisħiħ tas-sorveljanza tal-fruntieri, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-qagħda marittima u għall-protezzjoni u s-salvataġġ tal-ħajjiet ta' migranti. L-implimentazzjoni tal-miżuri għandha tirriżulta fil-preservazzjoni tal-integrità tal-fruntieri esterni tal-UE fil-Mediterran.

Ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant kienet it-tieni l-aktar użata b'mod frekwenti fl-2013. Filwaqt li fl-2013 id-detezzjonijiet mal-fruntieri Bulgari fuq din ir-rotta kienu kważi seba' darbiet mill-2012, il-livell annwali tad-detezzjonijiet fuq ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant naqsu b'terz bis-saħħa tat-tnaqqis fit-Taqsima tal-fruntiera tal-art bejn il-Greċja u t-Turkija, u dan jista' jiġi attribwit għall-isforzi u l-operazzjonijiet li għaddejjin mal-fruntieri Griegi<sup>6</sup>. Kien hemm tnaqqis qawwi fil-livell ta' deteazzjonijiet mal-fruntiera Bulgara fl-aħħar xahar tal-2013, kif ukoll fil-bidu tal-2014, li jista' jiġi attribwit għall-effetti staġonali, kif ukoll l-użu ta' riżorsi addizzjonali mill-Bulgarija.

Madankollu, kull l-ewwel erba' xhur tal-perjodu tar-rapportar attwali juri għadd akbar ta' deteazzjonijiet fuq ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant minn sena ilu. Wieħed għad irid jara jekk din ix-xejra tkomplex u jekk hemmx bżonn ta' azzjoni addizzjonali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tippjana biex toħroġ Rakkomandazzjonijiet lill-Bulgarija u l-Italja li jniedu l-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, stat ta' tħeħħija u maniġġar ta' kriżijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Dublin III<sup>7</sup>, biex tappoġġa lil dawn l-Istati Membri fil-preparazzjoni tagħhom biex ilaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' pressjoni li huma suxxettibbli għalihom, biex turi solidarjetà, u biex tgħin lill-applikanti għall-ażil li jkunu fil-bżonn.

Ir-rotta tal-Balkani tal-Punent kienet it-tielet rotta l-aktar użata bi qsim ta' aktar minn tliet darbiet aktar fl-2013 milli fl-2012. L-akbar pressjoni hemmhekk baqgħet mal-fruntiera Ungeriża. Skont id-dejta disponibbli għall-perjodu tar-rapportar, l-għadd ta' deteazzjonijiet fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent kien kważi d-doppju meta mqabbel ma' sena qabel.

## **2.2. Il-qagħda fiż-żona Schengen**

Fl-ewwel erba' xhur tal-perjodu ta' rapportar li kellhom id-dejta disponibbli, il-livell ta' deteazzjonijiet ta' soġġorni irregolari<sup>8</sup> kien ftit oġhla matul l-istess perjodu fl-2012-2013 (109 712 deteazzjoni, li hu madwar 9 % aktar). Il-Ġermanja, segwita mill-Isvezja, Franza, Spanja u l-Belġju kellha l-oġhla għadd ta' deteazzjonijiet matul dan il-perjodu.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-ħidma tat-Task Force tal-Mediterran, 4 ta' Diċembru, 2013, COM(2013) 869 finali.

<sup>6</sup> Fl-2013, il-livell ta' qsim irregolari tal-fruntieri mal-fruntieri Griegi kien biss ftit aktar minn nofs il-livell tal-2012, filwaqt li f'din ir-rotta partikulari naqas bi 12 %.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida

<sup>8</sup> Kif indikat hawn fuq, id-dejta tkopri ż-żona Schengen kif ukoll il-pajjiżi kandidati ta' Schengen.

Kif ippjanat, il-Frontex, b'inizjattiva tal-Kummissjoni u fuq il-bażi tal-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' informazzjoni disponibbli, ipproduċiet analiżi tar-riskju mfassla apposta dwar il-movimenti migratorji intra-UE/Schengen. Ir-riżultati juru li ħafna mill-migranti irregolari ma jtemmux il-vjaġġ tagħhom wara li jaqsmu l-fruntieri esterni iżda jkomplu għal destinazzjonijiet x'imkien ieħor fiż-żona Schengen. L-analiżi tiffoka fuq l-aktar nazzjonalitajiet frekwenti<sup>9</sup> fil-kuntest tal-migrazzjoni irregolari, u kull nazzjonalità turi xejra distintiva fir-rigward tal-movimenti sekondarji.

Żvilupp importanti ieħor kien li n-Netwerk ta' Analiżi tar-Riskju tal-Frontex beda jiġbor l-indikaturi ta' dawn il-movimenti b'mod regolari minn Jannar 2014. Tnax-il Stat Membru għadhom ma baġtux iċ-ċifri tagħhom u d-dejta għall-parti l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn ma kenitx kompluta. Għal din ir-raġuni, ma jistgħu jinħarġu l-ebda konklużjonijiet f'dan il-punt.

Relevanti wkoll f'danil-kuntest hu li xi immigranti ma jittehdulhomx il-marki tas-swaba kif stipulat fir-Regolament Eurodac. Il-migranti jista' jkun li jkunu jridu jevitaw il-possibbiltà li aktar tard jintbagħtu lura minn parti oħra taż-żona Schengen lejn l-Istat Membru tal-ewwel dħul f'konformità mal-proċeduri ta' Dublin. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, għandu jiġu spjegat b'mod ċar lill-immigranti li huwa obbligu legali li jitteħdulhom il-marki tas-swaba', u li jkun hemm ċerti konsegwenzi legali meta jirrifjutaw. B'mod partikulari, jekk japplikaw għall-ażil, il-fatt li huma rrifjutaw li jagħtu l-marki tas-swaba' tagħhom ifisser li l-eżami tat-talba tagħhom jista' jitħaffef. Jekk ma japplikawx għall-ażil, huma għandhom jiġu trattati bħala migranti irregolari, u tapplika d-Direttiva għar-Ritorn. Il-fatt li jkunu rrifjutaw li jagħtu l-marki tas-swaba' tagħhom jista' jkun indikazzjoni li x'aktarx jaħarbu, u jista' jiġġustifika detenzjoni, segwita minn eżami individwali taċ-ċirkustanzi ta' kull migrant.

### **3. L-APPLIKAZZJONI TAL-ACQUISACQUIS TA' SCHENGEN**

#### **3.1. Każijiet fejn reġġu ddaħħlu temporanjament il-kontrolli mal-fruntieri interni**

L-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen<sup>10</sup> jistipula li, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkun hemm theddid serju għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna, Stat Membru jista' jerġa' jdaħħlu kontrolli mal-fruntieri fil-fruntieri interni tiegħu. Matul il-perjodu mill-1 ta' Novembru 2013 sat-30 ta' April 2014, kien hemm żewġ każijiet meta l-Istati Membri reġġu daħħlu temporanjament il-kontrolli mal-fruntieri interni tagħhom: il-Polonja fit-8-23ta' Novembru (minħabba d-19-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), id-disa' sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kyoto u d-39 Sessjoni tal-Korpi Sussidjarji) u l-Pajjiżi l-Baxxi fl-14-28 ta' Marzu 2014 (minħabba s-Samit dwar is-Sigurtà Nukleari fl-Aja). Għalissa, ir-riżultati ta' introduzzjoni mill-ġdid temporanja huma disponibbli dwar il-Polonja, fejn 38 491 persuna ġew ikkontrollati, u minnhom 65 ma

<sup>9</sup> Dawn huma Sirjani, Eritrej u Somali, Afgani u Pakistani, Alġerini u Marokkini, ċittadini tal-Balkani tal-Punent u Ukraini.

<sup>10</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013

tħallewx jidħlu u 54 ġew arrestati. L-ebda rifjut ta' dħul ma kien marbut mal-avvenimenti kkonċernati tan-Nazzjonijiet Uniti.

### **3.2. Iż-żamma ta' nuqqas ta' kontroll mal-fruntieri interni**

Żewġ oqsma tal-acquis ta' Schengen li ta' spiss allegatament jinkisru huma jekk it-twertiq tal-kontrolli mill-pulizija qrib il-fruntieri interni għandhomx effett ekwivalenti għal kontrolli mal-fruntieri (l-Artikolu 21 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-obbligu li jitneħħew l-ostakoli għall-fluss fluwidu tat-traffiku, bħal-limitazzjonijiet tal-veloċità, f'punti ta' qsim fit-toroq fil-fruntieri interni (l-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen). Fil-perjodu mill-1 ta' Novembru 2013 sat-30 ta' April 2014, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar ksur possibbli tal-Artikoli 21 u/jew 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen f'żewġ każijiet ġodda (li jirrigwardaw lill-Italja u lill-Slovenja), filwaqt li għalqet żewġ każijiet (li jinvolvu lil Spanja u lill-Isvezja) u kompliet tinvestiga tliet każijiet eżistenti (li jirrigwardaw lill-Awstrija, lill-Belġju u lill-Ġermanja).

Fil-istess perjodu, wara l-azzjoni li ħadu l-awtoritajiet Awstrijaċi u Slovakkji, il-Kummissjoni għalqet żewġ każijiet ta' ksur kontra l-Awstrija u s-Slovakkja talli naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont l-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-Kummissjoni issa tqis li s-sitwazzjoni fil-punt tal-qsim tal-fruntiera f'Kittsee-Jarovce bħala konformi mad-dritt tal-Unjoni wara li l-Awstrija u s-Slovakkja neħħew l-ostakli li kien fadal għaċ-ċirkolazzjoni fluwida tat-traffiku, speċjalment il-limiti tal-veloċità li mhumiex ibbażati esklussivament fuq kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà stradali.

Fil-20 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni mmotivata li fiha talbet lir-Repubblika Ċeka biex temenda l-leġiżlazzjoni tagħha sabiex tiżgura li l-pieni ma jiġux imposti fuq it-trasportaturi meta jittrasportaw lil ċittadini barranin mingħajr id-dokumenti tal-ivvjaġġar rilevanti fuq titjiriet intra-Schengen. L-impożizzjoni ta' dawn ir-regoli (li kienu maħsuba għal titjiriet li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' Schengen<sup>11</sup>) għat-titjiriet fiż-żona Schengen tobbliga lit-trasportaturi biex iwettqu kontrolli sistematiċi fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri interni, u dan mhuwiex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-abolizzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri interni.

### **3.3. L-iżvilupp ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur)**

Fil-2 ta' Diċembru 2013 is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri bdiet topera f'19-il Stat Membru ta' Schengen mal-fruntieri esterni tan-Nofsinhar u tal-Lvant. EUROSUR se ttejjeb il-kapaċità tal-Istati Membri li jaqsmu u jikkoordinaw ir-riżorsi u jirreaġixxu għal inċidenti u sitwazzjonijiet li jseħħu mal-fruntieri esterni. L-Istati Membri kollha li ssieħbu fl-Eurosur fl-2013 stabbilixxew bis-sħiħ iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fis-seħħ. Il-Frontex għaqd det dawn iċ-ċentri man-netwerk ta' komunikazzjoni tal-Eurosur u se tgħaqquad iċ-ċentri tal-11-il pajjiż li baqa' fl-2014. Il-Frontex bdiet tikkoopera wkoll mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u iċ-Ċentru Satellitari tal-UE biex tipprovdi

---

<sup>11</sup> Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE.

servizzi u informazzjoni fil-livell tal-UE, bħas-sistemi tar-rapportar tal-vapuri u r-ritratti bis-satellita.

### **3.4. Ksur allegat ta' partijiet oħrajn tal-acquis ta' Schengen**

Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jitlob li l-miżuri ta' kontroll tal-fruntieri jkunu proporzjonati mal-obiettivi segwiti u mhux diskriminatorji. Fil-qadi ta' dmirijiethom, il-gwardjani tal-fruntieri jridu jirrispettaw bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u jridu jaġixxu f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-liġi internazzjonali rilevanti, inkluż l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u l-prinċipju ta' non-refoulement. F'Diċembru 2013, il-Kummissjoni bdiet inkjesta fir-rigward tal-Greċja dwar allegazzjonijiet ta' trattament ħażin serju matul l-operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri u l-prattiki ta' respinġiment mal-fruntieri esterni. Bl-istess mod, fi Frar 2014, il-Kummissjoni daħlet f'kuntatt mal-Bulgarija biex tivvaluta l-allegazzjonijiet ta' Prattiki ta' respinġiment mill-awtoritajiet Bulgari. Barra minn hekk, f'April 2014, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-Greċja u lill-Bulgarija rigward it-tħaddim ta' punt tal-qsim tal-fruntiera mal-fruntiera bejn il-Greċja u l-Bulgarija li ġie rrapportat li allegatament ma kienx jikkonforma mar-rekwiżiti meħtieġa skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Wara r-referendum li sar fl-Isvizzera fid-9 ta' Frar 2014 dwar l-introduzzjoni ta' limiti kwantitattivi għall-immigrazzjoni, l-awtoritajiet Svizzeri se jippreżentaw il-proposti tagħhom dwar kif jiġi implimentat l-eżitu ta' dan ir-referendum. Sussegwentement, il-Kummissjoni se tanalizza l-implikazzjonijiet possibbli dwar il-parteċipazzjoni Svizzera fiż-żona Schengen.

Fl-2013, il-Kummissjoni rċeviet ilmenti dwar il-ħinijiet ta' stennija eċċessivi kkawżati mill-kontrolli mill-awtoritajiet Spanjoli mal-fruntiera ma' Ġibiltà. Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti, il-Kummissjoni ppubblikat nota ta' konferma tar-riċevuta f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* (2013/C 246/07). Wara żjara fil-post u filwaqt li rrikonoxxiet li l-immaniġġar tal-punt ta' qsim ta' La Línea de la Concepción mhuwiex faċli, fil-15 ta' Novembru 2013 il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet kemm għal Spanja kif ukoll għar-Renju Unit biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tat-traffiku ma' din il-fruntiera u l-kuntrabandu tat-tabakk. B'mod partikulari, ir-Renju Unit u Ġibiltà ġew mistiedna jieħdu miżuri biex jiġġieldu aħjar kontra l-kuntrabandu tat-tabakk, anki billi jiżviluppaw ġbir ta' profili abbażi tar-riskju u billi jintroduċu kontrolli mhux sistematiċi u bbażati fuq l-analiżi tar-riskju mal-ħruġ minn Ġibiltà, u billi tittejjeb il-leġislazzjoni ta' Ġibiltà. Spanja ġiet mistiedna tieħu miżuri sabiex ittejjeb l-organizzazzjoni tat-traffiku, inkluż l-immodernizzar tal-punt ta' qsim, ittejjeb il-ġbir ta' profili abbażi tar-riskju u tiżviluppa l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kuntrabandu tat-tabakk mal-awtoritajiet ta' Ġibiltà. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni f'din il-fruntiera, inkluż dwar kif iż-żewġ Stati Membri se jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet fil-prattika.

#### *It-traspożizzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn (2008/115/KE) fil-leġislazzjoni nazzjonali*

Id-data tal-għeluq għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn (2008/115/KE) skadiet fl-24 ta' Diċembru 2010. Il-pajjiżi kollha kkonċernati ħlief l-Islanda nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali. Il-maġġoranza tal-kwistjonijiet ta' traspożizzjoni

identifikati ġew solvuti permezz tal-modifika tad-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni tkompli ssegwi b'mod sistematiku n-nuqqasijiet kollha identifikati u tniedi investigazzjoni fejn meħtieġ.

Fis-27 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport ta' applikazzjoni tagħha bħala parti minn Komunikazzjoni dwar il-Politika ta' Ritorn tal-UE, li kkonkluda li d-Direttiva kkontribwixxiet biex tippromwovi rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali fi proċeduri ta' ritorn ġusti u dinjitużi, kif ukoll effiċjenti. Il-każijiet li fihom il-migranti jitħallew mingħajr *status* ġuridiku ċar tnaqqsu u t-tluq volontarju ġie aċċettat b'mod wiesa' bħala l-forma ewlenija ta' ritorn. Fl-aħħar nett, is-sostenibbiltà tar-ritorni tgiebet billi ġew provduti dejjem aktar miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid.

Dawn il-bidliet pożittivi ġew ikkonfermati kemm mill-atturi tas-soċjetà ċivili (NGOs attivi fil-qasam tal-migrazzjoni) kif ukoll korpi internazzjonali (inklużi r-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti).

#### *L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Traffiku Lokali tal-Fruntiera (KE Nru 1931/2006)*

Il-Kummissjoni ilha tissorvelja l-implimentazzjoni tar-reġim tat-traffiku lokali tal-fruntieri sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2006. Meta mqabbla mar-rapport preċedenti, il-Kummissjoni, wara li rċeviet kjarifiki mingħand l-Istati Membri kkonċernati, għalqet l-investigazzjonijiet tagħha rigward erba' Stati Membri dwar il-ftehimiet bilaterali li dawn il-pajjiżi (l-Ungerija, is-Slovakkja, il-Latvja u l-Polonja) ikkonkludew mal-pajjiżi terzi ġirien tagħhom, wara li talbu lill-Istati Membri kkonċernati biex jipprovdu informazzjoni dwar żviluppi ulterjuri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni fir-rigward tas-Slovenja kif ukoll żewġ każijiet ta' ksur, wieħed mal-Latvja u ieħor mal-Polonja.

Fis-17 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni adottat Rapport dwar l-operat tal-estensjoni eċċezzjonali ta' żona ta' reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera fir-reġjun ta' Kaliningrad tal-Federazzjoni Russa u ċerti distretti amministrattivi Pollakki<sup>12</sup>. Ir-rapport jagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni Prattika ta' dan l-arranġament, inkluż l-għadd ta' qsim taħt ir-reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera, l-arranġamenti organizzattivi u l-isfidi. Ir-rapport jikkonkludi li r-reġim jidher li qed jaħdem tajjeb, u fl-istess ħin jinnotta li minħabba ż-żmien qasir mid-dħul fis-seħħ tiegħu, kull valutazzjoni hija limitata. Ir-rapport intlaqa' tajjeb mill-Kunsill li qed jistenna bil-ħerqa r-rapport li jmiss fi żmien sentejn, u sa dak iż-żmien għandu jkun hemm aktar dejta għandha tkun disponibbli.

---

<sup>12</sup> COM(2014) 74 finali, 17.2.2014, Rapport dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim tar-Regolament (UE) Nru 1342/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1931/2006 rigward l-inklużjoni taż-żona ta' Kaliningrad u ta' ċerti distretti amministrattivi Pollakki fiż-żona eliġibbli tal-fruntiera u dwar il-ftehim bilaterali konkluż dwaru bejn il-Polonja u l-Federazzjoni Russa.

### **3.5. Dgħufijiet identifikati permezz tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen**

Skont il-mekkaniżmu attwali ta' evalwazzjoni ta' Schengen<sup>13</sup>, l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri hi evalwata b'mod regolari minn esperti mill-Istati Membri, mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Fil-perjodu mill-1 ta' Novembru 2013 sat-30 ta' April 2014, saru evalwazzjonijiet ta' Schengen dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija fl-Isvizzera u s-SIS/Sirene fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Ungerija u fil-Polonja. Fir-rigward tas-SIS/Sirene, l-Istati Membri evalwati, b'mod ġenerali, tejbu b'mod sodisfaċenti l-implimentazzjoni tas-SIS II. Ir-rapporti għadhom qed jiġu ffinalizzati, iżda se jinkludu kummenti pożittivi kif ukoll negattivi u rakkomandazzjonijiet, inkluż fuq użu aktar komprensiv ta' kategoriji u funzjonalitajiet ġodda ta' twissijiet. Kien hemm enfasi speċjali fuq l-użu aktar effiċjenti tas-SIS II mal-fruntieri esterni.

It-tnejn għadhom għaddejjin fir-rigward tal-mekkaniżmu l-ġdid tal-evalwazzjoni ta' Schengen. F'konformità mar-Regolament 1053/2013 li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen<sup>14</sup>, ġie stabbilit il-Kumitat ta' Schengen u ltaqa' għall-ewwel darba fis-17 ta' Jannar 2014, meta ġiet diskussa l-implimentazzjoni Prattika tal-mekkaniżmu l-ġdid tal-evalwazzjoni ta' Schengen. Skont ir-Regolament imsemmi qabel, il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali huwa pplanat li għandu jkun stabbilit sas-27 ta' Mejju 2014. L-ewwel evalwazzjonijiet skont il-mekkaniżmu l-ġdid jistgħu jkun mistennija minn Jannar 2015.

### **3.6. It-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni mal-Bulgarija u r-Rumanija**

Il-Kunsill għadu ma jistax jiddeċiedi dwar it-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni ta' dawn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa bis-sħiħ l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-żona Schengen.

## **4. IL-MIŻURI TA' SOSTENN**

### **4.1. L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

F'ħafna Stati Membri, it-tnedija tas-SIS II kienet marbuta mat-tnedija ta' sistemi ġodda ta' utenti aħħarin jew titjib sinifikanti ta' dawk eżistenti li wasslet għat-titjib ġenerali ta' applikazzjonijiet nazzjonali għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Ħafna Stati Membri implimentaw soluzzjonijiet li jippermettu diversi tiftix b'mod parallel fis-SIS II skont kriterji differenti (pereżempju fil-każ ta' trakter misruq, jiġu mfittxija twissijiet ta' vetturi u tagħmir industrijali fl-istess ħin). Fir-rigward tan-numru ta' hits (riżultati pożittivi għal tiftixa fis-SIS II), wara perjodu ta' rinfurzar fl-Istati Membri x-xejra preżenti turi tendenza ġenerali pożittiva mal-livell ta' hits li jaqbeż ir-rata miksub mis-SIS 1 + bi 3,5 %.

Għalkemm l-attakk ta' hacking kontra l-N.SIS Daniża fl-2011 seħħet taħt is-sistema preċedenti tas-SIS II, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni totali tal-effiċjenza ta' miżuri

<sup>13</sup> SCH/Com-ex (98) 26 def.

<sup>14</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.



nazzjonali ta' sigurtà flimkien mal-esperti tal-eu-LISA, l-Istati Membri u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. Ir-rakkomandazzjonijiet se jkunu disponibbli fit-tieni kwart tal-2014.

Il-Kummissjoni kompliet tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tas-SIS II mill-Istati Membri, b'enfasi partikulari fuq il-kategoriji u l-funzjonalitajiet ta' twissija ġodda billi ħafna Stati Membri għadhom iridu jimplimentaw bis-sħiħ dawn il-karatteristiċi fis-sistemi aħħarin tagħhom. Il-Kummissjoni tiffoka, b'mod partikulari, fuq it-tħassir f'waqtu mill-Istati Membri ta' twissijiet fis-SIS II, billi t-twissijiet li ma għadhomx rilevanti aktar jistgħu jikkawżaw inkonvenjenza u ħsara lill-individwi kkonċernati. Ir-raġunijiet ewlenin għad-dewmien huma n-nuqqas ta' proċeduri u kontroll mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli u n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ġuridiċi ċari dwar meta trid titħassar twissija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat li ċerti Stati Membri naqsu milli jehmżu b'mod sistematiku l-Mandat ta' Arrest Ewropew mat-twissijiet għall-arrest, kif għandhom jagħmlu. Dan jista' jipperikola l-validità ta' twissija. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qajmet il-kwistjoni mal-Istati Membri kkonċernati sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se tiftaħ ukoll investigazzjonijiet kontra l-Istati Membri li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ġuridiċi.

Is-SIS II wriet li hi għodda importanti biex jiġu skoperti r-rotot ta' terroristi u ta' gruppi kriminali li jivvjaġġaw minn post għal ieħor anki f'każijiet fejn jibdlu l-identità tagħhom jew jiffalsifikaw id-dokumenti ta' identifikazzjoni personali tagħhom. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jaħdmu flimkien mill-qrib biex jisfruttaw bis-sħiħ il-possibbiltajiet offruti minn kategorija speċjali ta' twissija fis-SIS II li tippermetti l-kontroll diskret u speċifiku ta' individwi u ċerti tipi ta' oġġetti. Wara intervent effettiv tal-Kummissjoni biex tipproponi soluzzjonijiet għal użu aktar intensiv ta' din il-kategorija ta' twissija, l-istatistika turi żieda ta' aktar minn 30 % fl-għadd ta' twissijiet bħal dawn.

#### **4.2. L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża**

Sa minn tmiem l-aħħar perjodu tar-rapportar (il-31 ta' Ottubru 2013), il-VIS bdiet topera fl-14 ta' Novembru 2013 fid-disa' reġjun (l-Asja Ċentrali), fl-10 reġjun (l-Asja tax-Xlokk) u fil-11-il reġjun (territorju Palestinjan okkupati)<sup>15</sup>.

Is-sekwenzjar tat-tnedija tal-VIS fit-tielet sett ta' reġjuni ġie ddeterminat f'Settembru 2013<sup>16</sup>. Il-VIS hija skedata li tibda topera fit-12, fit-13, fl-14 u fil-15-il reġjun (l-Amerika Ċentrali, l-Amerika ta' Fuq, il-Karibew u l-Awstralasja) fil-15 ta' Mejju 2014 u fis-16-il reġjun (il-Balkani tal-Punent u t-Turkija) fil-25 ta' Settembru 2014.

Il-VIS qed taħdem tajjeb u sal-31 ta' Ottubru 2013 is-sistema kienet ipproċessat 4,8 miljun applikazzjoni għall-viża ta' Schengen, li minnhom inħarġu kważi erba' miljun viża. Minkejja

<sup>15</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2013 li tiddetermina d-data minn meta s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għandha tibda topera fid-disa', l-10 u l-11-il reġjun (2013/642/UE)

<sup>16</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2013 li tiddetermina t-tielet u l-aħħar sett ta' reġjuni għall-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (2013/493/UE)

sforzi kontinwi mill-Istati Membri, il-kwistjoni ewlenija ta' tħassib għadha l-effett fit-terminu l-medju u fit-tul ta' kwalità mhux ottimali ta' dejta (kemm bijometrika kif ukoll alfanumerika) introdotta mill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri fil-VIS. Dan jista' jseħħ minħabba dejta inkompleta (pereżempju, applikazzjonijiet differenti tal-viża għall-istess persuna jew membri tal-familja li jivvjaġġaw flimkien u ma jkunx hemm rabta bejniethom) jew mhux strutturata (ma tkun mimlija bil-format addattat) kif ukoll minħabba kwalità mhux suffiċjenti tal-marki tas-swaba'. Dan jista' jirriżulta f'informazzjoni mhux kredibbli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll tqajjem diffikultajiet meta jkunu qed iwettqu konsultazzjonijiet minn qabel mal-Istati Membri l-oħra meta toħroġ il-viża.

L-użu ta' marki tas-swaba' biex isiru l-verifiki tad-detenturi tal-viża mal-punti ta' qsim tal-fruntiera ta' Schengen se jsiru obligatorji f'Ottubru 2014. Minkejja li xi Stati Membri diġà jwettqu għadd ta' verifiki bħal dawn, huwa kruċjali li l-Istati Membri kollha jikkonformaw mal-iskadenza. Id-dejta disponibbli fl-eu-LISA turi li f'Novembru 2013-Jannar 2014 b'kollox kien hemm 152 262 verifika minn marki tas-swaba' mwettqin fil-VIS mal-postijiet li jinsabu mal-fruntiera esterna<sup>17</sup>.

### **4.3. Il-politika dwar il-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni**

*Emenda tar-Regolament 539/2001 li tintroduċi mekkaniżmu ta' sospensjoni ġdid u mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut.*

Fil-11 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw emenda tar-Regolament 539/2001 li tipprevedi, fost elementi oħrajn, mekkaniżmu ta' sospensjoni ġdid u mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut.<sup>18</sup> L-emendi daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Jannar 2014.

#### *Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni ġdid*

Skont id-dispożizzjonijiet ta' mekkaniżmu ta' sospensjoni ġdid, huwa jista' jintuża bħala miżura tal-aħħar istanza f'sitwazzjonijiet fejn ir-reġim mingħajr viża ma' pajjiż terz kien wassal għal żidiet sostanzjali fl-għadd ta' migranti irregolari jew ta' applikanti għall-ażil li ġew rifjutati minn dak il-pajjiż terz, u dan jirriżulta fi pressjonijiet speċifiċi fuq is-sistema tal-ażil ta' Stat Membru. Ma hemm l-ebda applikazzjoni awtomatika tal-mekkaniżmu: f'każ ta' talba minn kwalunkwe Stat Membru biex jiskatta l-mekkaniżmu ta' sospensjoni, fuq il-bażi ta' kriterji ċari u stretti, il-Kummissjoni se jkollha teżamina l-fatturi rilevanti kollha, anki kull impatt potenzjali fuq ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiż terz ikkonċernat. Jekk wara eżami tal-fatti kollha u l-elementi rilevanti l-Kummissjoni ssib li l-eżenzjoni tal-viża għandha tiġi sospiża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz partikulari, hija se tippromponi abbozz ta' deċiżjoni li tissospendi l-eżenzjoni tal-viża lil kumitat fejn ikunu rappreżentati l-Istati Membri kollha u li

<sup>17</sup> Dawn il-verifiki twettqu prinċipalment minn sitt Stati Membri, il-bqija ma kellhomx dawn il-verifiki jew kellhom għadd anqas minn 100 każ kull xahar. Bi tqabbil ma' dan, kien hemm 6 159 564 verifika fil-VIS bl-użu ta' dejta alfanumerika (in-numru tal-istiker tal-viża) matul l-istess perjodu għaż-żona Schengen kollha kemm hi.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 347, 20.12.2013

jkollu jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-Kummissjoni hija impenjata wkoll li żżomm dibattitu politiku mal-Parlament Ewropew qabel ma tippromponi kull miżura ta' sospensjoni.

#### *Il-mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut*

Matul in-negozjati leġislattivi, il-Parlament Ewropew u diversi Stati Membri talbu għal mekkaniżmu ta' reċiproċità msaħħaħ – li jiġi applikat f'każ ta' pajjiż terz eżentat mill-viża jintroduċi jew ikollu hteġa ta' viża għaċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew aktar — sabiex isiru aktar effiċjenti u jiżguraw aktar solidarjetà fost l-Istati Membri.

Il-bidliet ewlenin introdotti bil-mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut huma li, għal perjodu ta' sentejn min-notifika ta' sitwazzjoni ta' nuqqas ta' reċiproċità, il-Kummissjoni tista' f'kull ħin tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi reġim mingħajr viża għal ċerti kategoriji ta' ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, għal perjodu massimu ta' sitt xhur, bil-possibbiltà ta' estensjoni b'aktar perjodi ta' massimu ta' sitt xhur; jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tadottax dan l-att, hija jkollha tippreżenta rapport li jispjega r-raġunijiet għaliex hija ma tippromponix miżura. Barra minn hekk, jekk wara sentejn min-notifika tan-nuqqas ta' reċiproċità l-pajjiż terz ikun għadu jitlob għall-viżi liċ-ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew aktar, il-Kummissjoni tadotta att delegat biex terġa' timponi l-obbligu ta' viża fuq iċ-ċittadini kollha tal-pajjiż terz, għal perjodu ta' 12-il xahar; il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jopponu d-dħul fis-seħħ ta' dan l-att delegat.

Filwaqt li tilqa' l-adozzjoni tal-emenda bil-għan li tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-politika komuni dwar il-viżi u tiżgura aktar solidarjetà fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut mhumiex konformi mal-Artikoli 290 u 291 TFUE u ppreżentat applikazzjoni għal annullament rigward ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament 1289/2013, skont id-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li saru matul l-adozzjoni tal-emenda mill-Parlament Ewropew<sup>19</sup> u mill-Kunsill.

#### *Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent*

Skont id-dejta tal-Eurostat, fl-2013, l-għadd totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil mill-ħames Stati tal-Balkani tal-Punent mingħajr viża<sup>20</sup> fiż-żona Schengen u l-pajjiżi kandidati ta' Schengen kien madwar 12,5 % ogħla mill-2012<sup>21</sup>. B'hekk is-sitwazzjoni kompliet taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-ivvjaġġar mingħajr viża bejn il-Balkani tal-Punent u l-UE. L-influssi ta' applikanti għall-ażil fl-2013 urew xejra simili fl-2012.

<sup>19</sup> Ara <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+CRE+20130910+ITEM-011+DOC+XML+V0//EN&language=EN>

<sup>20</sup> Mill-aħħar tal-2009, iċ-ċittadini ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja li jkollhom passaport bijometriku bbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viża lejn l-Istati Membri tal-UE, skont ir-Regolament 539/2001. Iċ-ċittadini tal-Albanija u tal-Bosnja u Herzegovina bbenefikaw mill-istess kundizzjonijiet ta' vjaġġar mingħajr viża lejn l-Istati Membri tal-UE mill-15 ta' Diċembru 2010.

<sup>21</sup> Kun af li d-dejta tal-Eurostat tal-2012 ma kopriex lill-Kroazja billi kienet għadha mhijiex Stat Membru tal-UE.

Iċ-ċittadini tal-ħames Stati tal-Balkani tal-Punent mingħajr viża rrappreżentaw kważi 12 % tal-applikanti kollha għall-ażil fl-Istati ta' Schengen u fil-pajjiżi kandidati ta' Schengen fl-2013, meta mqabbla ma' madwar 13,4 % fl-2012. Madwar 93% ta' dawn l-applikazzjonijiet fl-2013 ġew ippreżentati fl-aktar sitt pajjiżi affettwati ta' Schengen, li kienu l-Ġermanja, Franza, l-Isvezja, il-Belġju, l-Isvizzera u l-Lussemburgu. Ir-rata ta' rikonossiment ġenerali<sup>22</sup> tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel istanza miċ-ċittadini tal-ħames pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fiż-żona ta' Schengen u l-pajjiżi kandidati ta' Schengen kienet inqas minn 2 % fl- 2013.

Is-Serbi kienu jirrappreżentaw bla dubju l-ikbar grupp ta' applikanti, filwaqt li s-sehem ta' ċittadini Albaniżi żdiedu b'mod sinifikanti. Fost il-pajjiżi riċevituri l-aktar affettwati, l-ewwel destinazzjoni tibqa' l-Ġermanja (bis-sehem tagħha jkompli jiżdied), segwita minn Franza u l-Isvezja.

Fit-28 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat ir-Raba' Rapport dwar il-monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent<sup>23</sup> fejn tivvaluta l-miżuri implimentati, tirveddi l-funzjonament u tagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tar-reġim ta' vjaġġar mingħajr viża.

*Il-ftehimiet ta' ammissjonijiet mill-ġdid u l-iffaċilitar tal-viżi u l-liberalizzazzjoni tal-viżi*

Sabiex tiġi ffaċilitata l-ammissjoni mill-ġdid tal-persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni fi Stat Membru, ġie ffirmat ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mat-Turkija fis-16 ta' Diċembru 2013. Fl-istess okkażjoni, inbeda djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-PE ta l-kunsens tiegħu għall-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid fis-26 ta' Frar 2014 u l-Kunsill issa huwa lest biex jadotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim.

Il-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid u l-iffaċilitar tal-viżi mal-Kap Verde qed jistennew in-notifika tat-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika mill-Kap Verde biex jippermettu d-dħul fis-seħħ tagħhom (il-proċeduri ta' ratifika min-naħa tal-UE ġew finalizzati). Il-kunsens tal-PE għal ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid u l-iffaċilitar tal-viżi mal-Armenja wasal fid-9 ta' Ottubru 2013, segwit minn dħul fis-seħħ taż-żewġ ftehimiet fl-1 ta' Jannar 2014. Il-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mal-Azerbajġan ġie ffirmat fit-28 ta' Frar 2014 (il-ftehim tal-iffaċilitar tal-viżi kien diġà ġie ffirmat f'Novembru 2013). Il-PE ta l-kunsens tiegħu fit-12 ta' Marzu 2014 u l-ftehimiet huma mistennija li jidħlu fis-seħħ qabel is-sajf. Mal-Bjelorussja, ġew immedija uffiċjalment in-negozjati dwar l-ammissjoni mill-ġdid u l-iffaċilitar tal-viżi fid-29 ta' Jannar 2014 wara stedina inizjali sabiex jinfetħu n-negozjati fl-2011. L-ewwel rawnd ta' negozjati tekniċi huwa mistenni li jsir f'nofs Ġunju 2014. In-negozjati ta' riammissjoni mal-Marokk se jitnieda mill-ġdid fit-11-12 ta' Ġunju b'mod parallel man-negozjati dwar ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża.

<sup>22</sup> Ir-rata ta' rikonossiment hija kkalkolata bħala l-perċentwali ta' deċiżjonijiet tal-ewwel istanza li tagħti l-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew ta' protezzjoni sussidjarja fl-għadd totali ta' deċiżjonijiet tal-ewwel istanza li ttieħdu (l-għadd totali ta' deċiżjonijiet tal-ewwel istanza jinkludu deċiżjonijiet li tagħti l-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew status ta' protezzjoni sussidjarja kif ukoll deċiżjonijiet li jagħtu status ieħor (pereż., umanitarju) u rifjut ta' applikazzjonijiet).

<sup>23</sup> COM(2013) 836 finali

F'Diċembru 2013 il-koleġiżlaturi qablu dwar eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova li jkollhom passaport bijometriku. Mit-28 ta' April 2014, huma jistgħu jivvjaġġaw mingħajr viża fiż-żona Schengen. Fi Frar 2014, il-koleġiżlaturi laħqu ftehim biex jemendaw ir-Regolament 539/2001 biex ineħħu l-obbligu tal-viża għaċ-ċittadini ta' 16-il stat gżira żgħira tal-Karibew u l-Paċifiku, kif ukoll l-Emirati Għarab Magħquda, il-Perù u l-Kolombja. Din l-emenda se tidħol fis-seħħ qabel nofs Ġunju, imma l-ivvjaġġar effettiv mingħajr viża għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi se jsir realtà biss ladarba l-ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża bejn l-UE u kull wieħed mill-pajjiżi jidħlu fis-seħħ. Barra minn hekk, għall-Kolombja u l-Perù, il-Kummissjoni se jkollha tippreżenta evalwazzjoni dwar is-sodisfazzjon tal-kriterji rilevanti qabel ma titlob l-awtorizzazzjoni biex tinnegozja tali ftehimiet.